**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Numru: 434 / 2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**Mohamed Keita**

Illum 25 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mohamed Keita ta' 25 sena' bin Omar Keita u Mama Keita imwieled gewwa Kayes, Mali fit- 23 ta' Gunju, 1997, li jghix gewwa 16, Triq Azzopardi, Marsa u detentur tan-numru tal-Pulizija 19LL-008, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Dakinhar tas-sebgha (7) ta' Settembru 2022 ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u/jew f' hinijiet wara u/jew qabel gewwa Triq Isouard, Marsa u/jew fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, izda dolozament bil-hsieb li jikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Fatherwor Etumuton u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi hebb ghalih permezz ta' arma li taqta u bil-ponta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu;

2. Kif ukoll, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, volontarjament ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fatherwor Etumuton, billi hebb ghalih u/jew permezz ta' arma li taqta u bil-ponta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' ta' PC 112 Joshua James Grixti u ta' PC 1456 Omar Sharif, filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

4. U kif ukoll talli garr ' il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess, dati, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-Fatherwor Etumuton, sabiex jingurjah, idejjqu u/jew jghamillu l-hsara;

6. Ingurja jew hedded lill Fatherwor Etumuton;

7. U kif ukoll talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

8. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi cioe' PC 112 Joshua James Grixti, PC 1456 Omar Sharif u Fatherwor Etumuton jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f' kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 382 A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412 C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Settembru, 2022, fejn il-Qorti qatghet u ddecidiet billi:

1. Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri.

2. Sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u illiberatu minnha.

3. Wara li rat l-Artikoli 96, 338 (dd), 338 (ee), 339 (d) u 339 (e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tat-tielet, ir-raba' , il-hames, is-sitta, is-seba' u tmien imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' sitt (6) xhur, li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

4. In oltre il-Qorti kkundannat l-hati ghal hlas ta' multa ta' erbat elef u sittin Euro (€4060), li ghandu jithallas minnufih, u jekk ma jithallasx *in toto* jew *in parte* il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Il-Qorti ordnat li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' access ghal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti Mohamed Keita minnu pprezentat fil-25 t' Ottubru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex **tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi minn din il-kawza skont il-ligi.**

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fis-seba' (7) jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnjen u ghoxrin (2022), l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell;

Rat illi l-aggravju tal-esponent huwa wiehed car u manifest, stante li jirrizulta mis-sentenza appellata li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi, kif ser jigi spjegat izjed ' l quddiem f' dan ir-rikors tal-appell, u konsegwentement ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li wassal ghal-liberazzjoni tal-appellat mit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih;

Illi l-proceduri fil-konfront tal-appellat gew inizjati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar it-8 ta' Settembru 2022 fejn f' dak l-istadju l-appellat iddikjara bla gurament li mhux hati ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Illi fis-seduta sussegwenti l-ufficjal prosekutur irtira l-ewwel imputazzjoni u konsegwentament l-imputat biddel fehmtu u ghazel li jirregistra amissjoni ghall-imputazzjonijiet rimanenti kollha;

Illi l-Ewwel Qorti wissiet lil appellat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u spjegat il-piena massima li setghat timponi fuqu. Ikkoncediet zmien bizzejed sabiex jikkonsulta mal-avukat tieghu u jara jekk ghandux jirrevedi l-pozizzjoni tieghu izda l-appellat baqa jsostni bl-ammissjoni tieghu. In konkluzjoni u konsegwenza tal-ammissjoni registrata, l-Qorti semghet it-trattazjoni dwar il-piena u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza;

Illi l-Qorti tal-Magistrati permezz tas-sentenza taghha ta' nhar il-5 ta' Ottubru 2022 astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni stante li giet irtirata mill-Ufficjal Prosekutur, ideccidiet li tilliberah mit-tieni imputazzjoni u sabitu hati tal-imputazzjonijiet rimanenti;

Illi fir-rigward it-tieni imputazzjoni l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *Ghalkemm l-imputat ammetta ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u cioe dik li ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fatherwor Etumon permezz ta' arma li taqta' u bil-ponta, din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-provi prodotti. Fir-rapport tal -Pulizija jinghad hekk:*

> *"The victim was spoken to and stated that the other person lives above him and was accusing him that he stole his mobile phone and argued with him and attacked him with a knife but did not hit him. He was asked if he had any injuries but replied negative and refused medical assistence." Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni ezebit ukoll id-dikjarazzjoni tal-vittma li biha irrinunzja ghall assistenza medika.*

Illi konsegwentament l-Ewwel Qorti ghazlet li ma ssibx lil appellat hati tat-tieni imputazzjoni u dan minkejja li kien irregistra ammissjoni;

Illi bid-dovut rispett, il-Qorti tal-Magistrati ma segwitx id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 392A(3) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi s-segwenti:

> *"Izda, meta jkun hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat kienx gie tassew maghmul, jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat, il-qorti ghandha, ghalkemm l-akkuzat ikun stqarr li hu hati,* ***tordna li l-proceduri jkomplu jitmexxew ' l quddiem, bhallikieku l-akkuzat ma wegibx li hu hati."***[1]

Illi l-Ewwel Qorti ghazlet li tidhol fil-mertu tat-tieni imputazzjoni u ghazlet li tikkunsidra l-provi li kienu in atti sal-istadju tal-ammissjoni. L-appellat iddecieda li jassumi r-responsabilita' qabel il-prosekuzzjoni kienet ghada ma resqitx il-*corpus* kollu

[1] Sottolinear tal-esponent.

tal-provi li kellha. Diment li l-ammissjoni kinet wahda bikrija kif spjegat aktar il-fuq f' dan l-appell, l-ufficjal prosekutur kien ghadu ma prezentax il-provi kollha li gabar tul l-investigazzjoni tieghu biex jissostanzja tali imputazzjoni. Illi kien ghad-fadal sahansitra xhud principali ossia l-parte civile biex jiddeponi li effetivament huwa xhud krucjali li seta' jitfa dawl fuq it-tieni imputazzjoni;

Illi anke se mai jekk il-Ewwel Qorti kella dubbju ragjonevoli jekk l-appellat ikkomettiex dan ir-reat, l-Qorti kella l-obbligu li tordna l-prosegwiment tal-kawza minkejja l-ammissjoni tal-appellat u b' hekk l-Ufficjal Prosekutur ikollu l-opportunita' biex jipprova t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-appellat;

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs. Anthony sive Twanny Farrugia u Christopher Shepered' moghtija nhar it-23 ta' Gunju 1997, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tenniet illi:

> Gjaladarba kien hemm ammissjoni u galadarba dik l-ammisjoni ma tigix ikkontestat bhala l-frott ta' xi zball jew malintiz, bhala regola l-Qorti m' ghandiex tidhol fil-provi biex tara jekk l-akkuzi jew l-imputazzjonijiet jirrizultawx sodisfacentement ippruvati u dan peress li l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata maghmula fil-Qorti ammissjoni hekk imsejha "gudizzjarja" hi l-aqwa prova tal-htija ta' l-akkuzat jew imputat. Eccezjonalment, pero' Qorti tista tordna l-prosegwiment tal-kaz minkejja l-ammisjoni ta' l-akkuzat, **b'**

**mod ghalhekk li ggiel lill-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha indipendentement minn tali ammissjoni.**[2]

Illi, in vista tas-suespost, l-esponent umilment jemmen li l-Ewwel Qorti, jekk hasset li ma kelliex tistrih fuq l-ammissjoni tal-appellat, hija kellha l-obbligu li, fit-termini tal-artikolu 392A(3) tal-Kodici Kriminali, tordna li l-proceduri jkomplu jitmexxew ' l quddiem, bhallikieku l-appellat ma wegibx li hu hati, u mhux tghaddi ghas-sentenza minghajr ma tat l-opportunità lill-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha indipendentament mill-ammissjoni tal-appellat;

**Ikkunsidrat,**

Rat illi seduta stante nhar l-14 ta' Settembru, 2022 l-prosekuzzjoni tramite l-ispettur Andy Rotin irtirat l-ewwel akkuza moghtija fil-konfront tal-appellat u cioe dik ta' attentat ta' ferita gravi fil-konfront tal-persuna ta' Fatherwor Etumuton.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-14 ta' Settembru 2022 fejn l-appellat irregistra ammissjoni quddiem l-interpretu nominat mill-Qorti Dounia Borg u quddiem l-avukat difensur tieghu Dr. Daniel Attard u dan anke wara li inghata bizzejjed zmien sabeix jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu

Semghet lill-Avukat Generali jirrimetti ruhu ghall-atti processwali u appuntu ghar-rikors tal-appell tieghu.

[2] Sottolinear tal-esponent.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat it-trattazzjoni transkritta esebita fl-atti ai fini ta' piena fejn il-prosekuzzjoni kienet qed tinsisti fuq piena ta' prigunerija effettiva pero dwar it-terminu halliet l-materja f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti.

Rat dak li sostniet id-dfiza u cioe li l-appellat ghandu fedina penali netta, iddispjacih talli ghamel u minkejja li l-prosekuzzjoni insistiet fuq piena ta' prigunerija effettiva issugeriet li tali terminu ghandu jigi sospiz ai terminu ta-artikolu 28A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Addirittura sostniet ukoll li f'kaz li din il-Qorti ma tilqax it-talbat sabeix tinghata sentenza sospiza ai termini tal-artiklu 28A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghandha tipprovdi li l-piena ta' prigunerija tkun fil-minimu taghha.

Rat is-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti l-appellat instab hati tat-tielet (3) , tar-raba' (4) , tal-hames (5) , tas-sitt (6) , tas-seba' (7) u tat-tmien (8) akkuza dedotta kontra tieghu u gie kkundannat ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva u mhux hati tat-tieni (2) akkuza minn liema akkuza gie liberat.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi minn esami tas-sentenza moghtija jirrizulta li l-Ewwel Qorti ma sabitx ill-appellat hati tat-tieni akkuza minkejja li l-istess appellat kien irregistra ammissjoni ghal tali akkuza.

L-Avukat Generali ghalhekk interpona umli appell u sostna li l-Ewwel Qorti ma segwitx id-dettami tal-ligi u cioe l-**artikolu 392(3) tal-Kodici Kriminali** li jiddisponi s-segwenti:_

> *"….. Izda meta jkun hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat gex tassew maghmula, jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat, il-Qorti ghandha ghalkemm l-akkuzat ikun stqarr li hu* hati tordna li l-*proceduri jkomplu jitmexxu 'l quddiem bhalikieku ma wegibx li hu hati."*

M'hemmx dubbju li meta l-appellat irregistra ammissjoni fil-presenza tal-avukat difensur tieghu dan kien ifisser li kien qed jammetti ir-reati kollha salv l-ewwel akkuza li kienet gja giet irtirata mill-proskeuzzjoni. L-Ewwel Qorti ghalhekk ma setghetx *a sua sponte* tiddecidi li tesamina l-provi ta-proskeuzzjoni meta l-istess appellat kien ezenta lill-proskeuzzjoni milli tressaq il-provi taghha meta irregistra l-ammissjoni bikrija tieghu.

Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fis-sentenza ccitata minnu fl-ismijiet **il-Pulizija vs Twanny Farrugia u Christopher Sheperd**[3]**:-**

> *_' gjaladarba kien hemm ammissjoni u galadarba dik l-ammissjoni ma tigix kkontestat bhala l-frott ta' xi zball jew malintiz bhala regola l-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-provi biex tara jekk l-akkuzi jew l-imputazzjonijiet jirrizultawx sodisfacentement ippruvati u dan peress li l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata maghmula fil-Qorti*

---

[3] Deciza nhar it-23 ta' Gunju, 1997 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

*ammissjoni hekk imsejha gudizzjarja hi l-aqwa prova tal-htija ta' l-akkuzat jew imputat. Eccezzjonalment pero Qorti tista tordna l-prosegwiment tal-kaz minkejja l-ammissjoni ta' l-akkuzat b'mod ghalhekk li ggieghel lill-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha indipendentement minn tali ammissjoni."*

Illi ghalhekk f'din is-sentenza il-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u dan ghaliex ma segwitx id-dettami tal-**artikolu 392(3)** tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan ghaliex minkejja l-ammissjoni li kellha hija iddecidiet li ma ssibx lill-appellat hati tat-tieni akkuza, haga li ma setghetx taghmel minghajr ma l-ewwel tiskarta l-ammissjoni tal-appellat u tisma l-provi li ghandha xi tressaq il-prosekuzjoni *independentement minn tali ammissjoni* .

Ghalhekk stante li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi din il-Qorti qieghda tirrevoka is-sentenza appellata u tordna li l-atti ta' din il-kawza jintbaghtu quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tara jekk tridx titkompla bil-gbir tal-provi minkejja l-ammissjoni tal-appellat u sabiex b'hekk jigi rispettat l-artikolu 392 (3) u b'hekk l-appellat jigi gudikat mill-gdid.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**